# 'Youth Help -wegħda oħra mwettqa'

**ALBERT GAUCI CUNNINGHAM** / 8 TA' LULJU 2016 12:49

Print Version
0






"Indaħħlu s-servizz ta' *Youth Help* sabiex jgħinu lil persuni li jsibu ruħhom f'diffikultajiet f'mumenti vulnerabbli. Din hija wegħda fil-manifest elettorali li ġiet imwettqa wkoll". Dan qalu s-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport **Chris Agius** waqt li kien fil-*Youth Village* ta' Santa Venera li serva ta' sfond għal tmiem il-proġett pilota *Third Space*. Huwa faħħar ix-xogħol li sar mill-*youth workers* u saħaq li dawn huma meħtieġa speċjalment f'ċerti nħawi ta' pajjiżna anke jekk kull parti jkollha l-bżonnijiet tagħha.

*Third Space* huwa proġett ta' **Erasmus+** fuq 18-il xahar li nħadem b'kollaborazzjoni bejn Aġenzija Żgħażagħ, il-YMCA George Williams College tal-Ingilterra, Stichting JONG Rotterdam tal-Olanda u Centre for Sustainable Community Development (CSCD) tar-Rumanija.

Il-proġett beda f'Ottubru tal-2014, għalkemm l-applikazzjoni għall-fondi saret qabel, b'laqgħa ma' **Brian Belton** li kien il-moħħ u l-ispirazzjoni wara dan il-proġett. Instabu l-imsieħba u ġie mniedi l-proġett *Youth Help*. Wara saret sejħa għal *youth workers*, bil-proġett iseħħ fi tliet reġjuni; dak tax-Xlokk (eżattament fiż-Żejtun, Birżebbuġa u Wied il-Għajn), fil-Belt Valletta u fil-Kottonera. Issa li wasal fi tmiemu, il-proġett se jkun evalwat bil-possibilità li jkompli jimraħ fuq bażi ikbar.

Il-mistieden ewlieni ta' din l-attività Dr Brian Belton mill-YMCA George Williams College ta' Londra, faħħar ix-xogħol li l-*youth workers* qed jagħmlu f'pajjiżna. Huwa qal li Malta tiffaċċja sfidi differenti minn dawk ta' pajjiżi oħra għaliex iż-żgħażagħ tagħna ma jfittxux il-*youth workers* huma imma l-*youth workers* iridu jmorru huma jfittxu ż-żgħażagħ. Huwa faħħar il-Gvern li għad-differenza ta' gvernijiet oħra, qed jagħraf il-potenzjal ta' attivitajiet simili u jagħtihom importanza xierqa.

Tkellmet ukoll il-Kap Eżekuttiv ta' Aġenzija Żgħażagħ Miriam Teuma, Gabi Calleja li kienet il-koordinatur tal-proġett u l-*youth workers* li b'mod innovattiv qasmu l-esperjenzi tagħhom wara dawn it-18-il xahar.